MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 659/1987/2

**Carmel Cutajar**

**v.**

1. **Josephine Mary sive Josephine Cutajar,**

2. **L-istess Josephine Mary sive Josephine Cutajar konfermata b'digriet tal-14 ta' Settembru 1987 kuratrici deputata biex tirrapresenta lill-minuri Conrad, u b'nota tal-11 ta' Novembru 2003 Conrad Cutajar assuma l-atti tal-kawza peress li sar maggorenni, u**

**3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti:**

1. Din hi kawza ta' ritrattazzjoni minn decizjoni moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Frar 2004. Permezz ta' din is-sentenza din il-Qorti kienet cahdet l-appell interpost minn Carmel Cutajar mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Gunju 2002 li permezz taghha kienet giet rigettata t-talba tieghu sabiex jigi dikjarat li Conrad Cutajar ma kienx ibnu u sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att ta' twelid tal-imsemmi Conrad Cutajar.

2. Is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar 2004 kienet cahdet l-appell interpost wara li kkunsidrat is-segwenti:
"Illi l-aggravji ta' l-attur kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Fi kliem ir-rikors ta' appell: "Illi s-sentenza appellata skartat l-aktar punt fundamentali, u cioè li l-attur <u>qatt</u> (jigifieri, minn dejjem) ma seta' jkollu tfal";

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet ghal kollox fuq l-opinjonijiet tal-periti addizzjonali, liema periti strahu ghal kollox fuq ir-rizultat tad-DNA testing";

3. Illi, dejjem fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-Ewwel Onorabbli Qorti ppruvat ssib sostenn ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar kwistjoni prettament xjentifika u komplessa billi strahet fuq xiehdet [*sic*]";

"Ikkunsidrat:

Illi tajjeb illi jigi rilevat illi fil-penultimu paragrafu tar-rikors ta' appell tieghu l-attur jissottometti hekk:

"Dwar it-tliet aggravji jwasslu ghall-konkluzjoni li <u>l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-</u>

provi li kellha quddiemha u waslet ghall-konkluzzjonijiet zbaljati (sottolinear ta' dina l-Qorti);

"Minn din is-silta tar-rikors ta' appell, jemergi car illi l-istess appell huwa ippernjat fuq is-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi processwali. Dina l-Qorti ezaminat b'hafna reqqa - precizament kif ghamlet l-ewwel Qorti - il-provi kollha prodotti u, mhux biss ma ssibx x'ticcensura fl-apprezzament ta' dawn il-provi maghmul mill-ewwel Qorti, imma taqbel kompletament ma' l-istess apprezzament illi wassal lil dik il-Qorti illi tikkonkludi korrettement illi "… l-konsegwenza logika li tista' twassal ghall-akkoljiment tat-talba ta' l-attur hija li l-konvenuta, … marret ma' xi ragel iehor u kkommettiet adulterju …; dan certament ma giex ippruvat mill-attur u ghalhekk il-Qorti, apparti kull analisi genetiku li seta' sar u li kollha indikaw li t-talba ta' l-attur ma kelliex tigi milqugha anqas fuq bazi xjentifika, il-Qorti ma tarax li l-attur irnexxielu jipprova li martu kkommettiet adulterju la ma' missieru u lanqas ma' xi terza persuna li seta' wassal ghat-tqala taghha u ghat-twelid ta' Conrad";

"Dina l-Qorti tista' liberament tieqaf hawn u tirrespingi l-appell interpost, però, sejra xorta wahda taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-aggravji avanzati mill-appellant kontra s-sentenza appellata;

"Ikkunsidrat:

"Illi dina l-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' l-asserzjoni ta' l-attur appellant, maghmula fl-ewwel (1) aggravju tieghu hawn fuq riportat, illi s-sentenza appellata "skartat" il-punt "li l-attur qatt … ma seta' jkollu tfal". Dana ghaliex, minn qari tas-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Qorti mhux "skartat" dak illi qed jghid l-appellant izda waslet ghall-konkluzjoni gusta illi l-allegazzjoni ta' l-attur - liema allegazzjoni hija l-bazi tat-talbiet attrici - illi huwa "qatt ma seta' jkollu tfal" mhix sorretta mill-provi prodotti, senjatament dawk ta' natura xjentifika rizultanti mill-opinjoni studjata u akkademika ta' l-esperti medici addizzjonali;

"Fost is-sottomissjonijiet illi jaghmel l-attur fir-rikors ta' appell sabiex jissotanzja l-ewwel aggravju tieghu hemm din:

"Illi f'din il-kawza huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-attur ma setax ikollu tfal wara li ghadda l-pubertà tieghu."

"Din hija sottomissjoni inveritiera u assurda. Hija inveritiera ghaliex fl-atti processwali ma hemm ebda ombra ta' prova illi l-konvenuta Josephine Cutajar (wahda mill-"partijiet") iddikjarat jew b'xi mod iehor accettat "… illi l-attur ma setax ikollu tfal wara li ghadda l-pubertà tieghu". Hija assurda ghaliex, kieku huwa veru illi huwa "pacifiku" ghall-konvenuta "… illi l-attur ma setax ikollu tfal wara li ghadda l-pubertà tieghu", l-istess konvenuta setghat biss twiegeb ghat-talbiet attrici billi tammettiehom. Mhux hekk ghamlet il-konvenuta!

"Illi, ghar-ragunijiet imsemmija, l-ewwel aggravju ta' l-attur ma jistax jintlaqa';

"Ikkunsidrat:

"Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju ta' l-appellant, dina l-Qorti mhux talli ma tara xejn hazin fil-fatt illi l-ewwel Qorti, fl-ezercizzju tal-gudizzju taghha, accettat u abbraccjat l-opinjonijiet u konkluzjonijiet ta' natura medika u xjentifika ta' l-esperti addizzjonali, talli tafferma illi fil-fehma taghha dawn l-opinjonijiet u konkluzjonijiet ta' l-esperti addizzjonali jikkonvincuha. Dak illi ma taqbilx mieghu dina l-Qorti huwa illi ma jirrizultax illi - kif qed isostni l-appellant - sabiex waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom, il-periti addizzjonali "… strahu ghal kollox fuq ir-rizultat tad-DNA testing" (sottolinear tal-Qorti). Huwa sufficjenti, f'dan ir-rigward, illi ssir riferenza ghall-paragrafi enumerati minn hdax (11) sa erbatax (14) tar-relazzjoni tal-periti addizjonali illi fihom huma jaghmlu osservazzjonijiet validi hafna dwar l-*azoospermia* ta' l-attur;

"Ikkunsidrat:

"Illi dwar it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant ma hemmx wisq x'jinghad. Dina l-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawk il-provi processwali konsistenti fid-depozizzjonijiet tax-xhieda illi m'humiex persuni xjentifici, senjatament dawk il-provi illi jirrigwardaw il-mod ta' hajja tal-konvenuta. Dina l-Qorti hija ta' din il-fehma ghalkemm, la darba l-ewwel Qorti kienet konvinta - kif jirrizulta illi kienet - illi ma giex pruvat dak illi fuqu, u fuqu biss, kif già inghad, l-attur ibbaza t-talbiet tieghu, jigifieri l-premessa "… li dan it-tifel [Conrad] mhuwiex tal-attur billi l-attur ma setax ikollu tfal …", ma kienx strettament mehtieg illi tigi indagata l-kondotta tal-konvenuta. A skans ta' ekwivoci, però, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, kif già ukoll inghad, hija taqbel ma' dak illi kkonkludiet l-ewwel Qorti dwar il-mod ta' hajja tal-konvenuta."

3. L-attur ritrattand qed jibbaza t-talbiet tieghu sabiex tithassar is-sentenza tas-17 ta' Frar 2004 u l-kawza tigi ritrattata fuq il-paragrafu (k) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12, u cioe` id-disposizzjoni li tipprovdi li kawza tista' tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra s-sentenza, *"jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza."*

4. Fir-rikors tieghu tat-28 ta' Ottubru 2004 ir-ritrattand ighid li fil-21 ta' Gunju 2004 huwa *"irceva certifikat mill-Forensic Science Consultant Christopher Farrugia (Dok. FS1)"* li fih bazikament intqal li bl-avvanzi fix-xjenza u fit-teknologija kien <u>rakkomandabbli</u> li jsir test iehor ghall-paternita`, din id-darba b'modalitajiet xjentifici differenti, u dan peress li *"…such analysis <u>could</u> determine whether Conrad Cutajar is indeed Mr Carmel Cutajar's half brother or his son"* (sottolinear ta' din il-Qorti). <u>Dan id-dokument FS1 baqa' ma giex anness mar-rikors ghar-ritrattazzjoni</u>. Fl-istess rikors ir-ritrattand ighid ukoll *"Illi l-esponent qed jannetti bhala Dok. FS2 artiklu li gie ppublikat fir-rivista awtorevoli* Profiles in DNA *ippublikata f'*January 2001 *dwar 'Megaplex STR Analysis from a Single Amplification: Validation of the PowerPlex 16 System' minn Carla J. Finis Ph.D. Idaho State Police Forensic Services…"* liema

dokument, dejjem skond ir-ritrattand, juri *"…illi jezisti test li jista' jipprovdi prova a tenur ta' l-artikolu 811(k) li ma kienetx prova fil-kawza, li tista' tiddetermina darba ghal dejjem jekk Conrad Cutajar huwiex 'Carmel Cutajar's half-brother or his son'"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghal darba ohra dan id-dokument FS2 ma giex anness mar-rikors ghar-ritrattazzjoni.

5. Rinfaccata b'allegazzjoni li kien "instab dokument deciziv" u b'referenza ghal zewg dokumenti – FS1 u FS2 – li pero` ma gewx annessi mar-rikors ghar-ritrattazzjoni, din il-Qorti, fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2005 talbet lid-difensur tar-ritrattand jispjega ezattament liema kien dan id-"dokument deciziv" li kien "instab" u li r-ritrattand kien qed "igibu" issa ghax ma kienx jaf bih qabel jew ghax, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setax igibu qabel is-sentenza tas-17 ta' Frar 2004. Fl-imsemmija udjenza gie registrat hekk:

**"Dr Tonio Azzopardi fuq kwezit tal-Qorti jiddikjara li d-'dokument' li ghalih jirreferi il-paragrafu 'k' ta' l-Art. 811 tal-Kap. 12 ma huwiex ic-certifikat tal-Forensic Science Consultant Christopher Farrugia 'Dok. FS1' minnu msemmi fil-paragrafu enumerat 2 tar-rikors ta' ritrattazzjoni u lanqas ma huwa d-'Dok. FS2' cioe` l-artikolu ippublikat f'Jannar tal-2001 u msemmi fil-paragrafu enumerat 3; anzi jiddikjara li dan id-dokument huwa r-rizultat li talvolta jista' jirrizulta mit-test aggornat li llum jista jsir bil-'PowerPlex 16 System'."**

6. Minn dan il-verbal jirrizulta kemm it-talba ghar-ritrattazzjoni hija infondata u addirittura wahda altament fiergha. Ir-ritrattand mhux qieghed "igib" 'l quddiem dokument li "instab" izda qieghed semplicement jippretendi li ghandu jerga' jsir test iehor – presumibbilment ordnat minn din il-Qorti – li jista' talvolta jaghti rizultati differenti mit-testijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, mhux "instab dokument deciziv" izda semplicement "tista' tirrizulta prova deciziva".

7. Issa, kif inhu risaput, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju, b'mod li d-disposizzjonijiet fid-diversi

paragrafi tal-Artikolu 811 ghandhom jinghataw interpretazzjoni u applikazzjoni restrittiva. Fil-kaz tal-paragrafu (k), inoltre, l-Artikolu 818(1)(a) tal-Kap. 16 jipprovdi (kif tajjeb osserva d-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-risposta tieghu tad-29 ta' Novembru 2004) li t-terminu ta' tlett xhur sabiex issir it-talba ghar-ritrattazzjoni jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha jinsab id-dokument. Dan kjarament ifisser li d-"dokument" li ghalih qed jirreferi l-paragrafu (k), apparti li jrid ikun wiehed "deciziv", irid ikun dokument li diga qieghed f'idejn ir-ritrattand, jew li r-ritrattand ikun diga gie a konoxxenza tieghu, f'data partikolari proprju sabiex wiehed ikun jista' jikkomputa t-terminu ta' tlett xhur. Fil-kaz odjern dan id-dokument semplicement ma jezistix (u ghalhekk anqas huwa koncepibbli li jista' "jingieb" fis-sens tal-paragrafu (k) imsemmi) -- tezisti biss il-possibilita` li jsir test iehor, bil-possibilita` ta' risultat differenti. Kif tajjeb osservaw il-konvenuti Josephine Cutajar u Conrad Cutajar fir-risposta taghhom tad-9 ta' Novembru 2004, dak li qed jittanta jaghmel l-attur hu li taht il-pretest ta' ritrattazzjoni jipprova jerga' jiftah il-kawza u jikkrea tribunal tat-tielet istanza. Dan ma hu xejn hlief abbuz tal-process gudizzjarju.

8. Ghall-motivi premessi, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors ghar-ritrattazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2004, bl-ispejjez kontra r-ritrattand. U peress li l-att tal-procedura li bih inbdiet din il-kawza kien wiehed fieragh, din il-Qorti, wara li rat il-partita 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A annessa mal-Kap. 12 tordna lill-attur ihallas spejjez addizzjonali lir-Registratur fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira (Lm250).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------